MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2008

Talba Numru. 414/2007

**Central Cigarette Company Limited (C-2606) u b'digriet moghti llum 24 ta` Lulju, 2007 moghti mill-Gudikant sedenti fit-Tribunal Ghal Talbiet Zghar Dr Raphael Fenech Adami LL.D., l-isem tas-socjeta` attrici ghandu jinqara bhala British American Tobacco (Malta) Ltd**

**Vs**

**Ramazan Ertugrul personali kif ukoll ghan-nom u in rapprezentanza tal-kumpanija Bosphorous Ltd (C-30120), KI-191900L**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-8 ta` Mejju, 2005, fejn intalab sabiex il-konvenuti solidalment bejniethom jigu kkundannati jhallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' elf u hames mitt lira (Lm1,500) ekwivalenti ghal

Euro3,494 rapprezentanti valur ta` “cigarette vending machine” inkluz is-sigaretti ta` go fiha li kienet ghebet ghal kollox mill-istabbilliment tal-konvenuti fejn kienet installata u cioe` gewwa “Istanbul Kebab House” Vjal il-21 ta` Settembru, Naxxar. Illi l-konvenuti ghandhom jigu ritenuti responsabbli in solidum peress illi kienu traskurati u negligenti u ma hadux hsieb ta` l-oggett proprjeta` ta` l-atturi kif tenut li jaghmlu skond ftehim pattwit u kif ukoll skond il-ligi.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta` l-ittra legali datata 5 ta` Ottubru, 2006 u bl-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mill-25 ta` Settembru, 2006 kontra l-konvenuti ngunti in subizzjoni. It-talba odjern kienet qed tigi ridotta ghal Lm1,500 ghal finijiet ta` kompetenza.

Ra r-risposta taz-zewg konvenuti datata 18 ta` Frar, 2008 fejn ikkontestaw it-talba attrici fis-sens illi fl-ewwel lok il-konvenut Ramazan Ertugral ma kienx il-legittimu kontradittur u kwindi kellu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju. Illi minghajr pregudizzju ghal premess illi l-konvenuti ma kienux jahtu xejn dwar l-ghibien ta` l-magna peress li din insterqet tant li dwar il-kaz kien hemm rapport mill-ghassa tal-Pulizija, tan-Naxxar.

Sema` l-provi migjuba mill-partijiet u ezamina d-dokumenti ezebiti.

Ra illi ghalkemm dina l-kawza kienet thalliet ghal provi tal-konvenuti huma naqsu li jaghmlu dan u kwindi l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidra.

Illi b’riferenza ghat-tieni risposta mressqa mill-konvenuti, jinghad li mill-provi migjuba mis-socjeta` attrici tramite l-Ispettur Nicolai Sant li huwa minnu li l-konvenut kien irrapporta lill-Pulizija li nsteraq pero` minn indagini maghmula mill-istess ufficcjali rrizulta li ma kienx hemm zgass fil-proprjeta` tal-konvenuti fejn kienet tinstab il-magna. Inghad ukoll li meta l-pulizija marru fuq il-post, dan kien gia` tnaddaf u kwindi anqas ezamijiet forensici

ma setghu jsiru. Illi apparti din il-prova mressqa mis-socjeta` attrici stess, il-konvenut la qatt deher fis-seduti u wisq anqas ressaq provi in sostenn tal-kontestazzjoni tieghu.

Illi mill-provi prodotti mis-socjeta` attrici ghandu jirrizulta s-segwenti:-

Illi skond il-kuntratt Dok. A a fol 28 tal-process jidher li l-konvenut kien ikkontratta f'ismu personali u ghalhekk ma jidhirx li kellu ragun jilmenta li ma kienx il-legittimu kontradittur. Fl-istess hin jirrizulta wkoll minn dokumenti ohra bhal per ezempju Dok. C a fol. 36 tal-process li l-konvenut kien anke qed jinnegozja wkoll fir-rigward tal-vending machine in rapprezentanza tas-socjeta` konvenuta.

Illi Dok. D jindika l-valur tad-danni subiti li jeccedu l-ammont mitlub fil-
kawza odjerna.

Illi in sintesi d-dokumenti kollha ezebiti mis-socjeta` attrici a fol. 27 sa fol 44 tal-process ilkoll b'xi mod jew iehor jikkostitwixxu prova diretta jew korroboratorja fuq il-meritu tal-kaz, liema prova ma giet kontradetta minn hadd u b'ebda mod. Anzi l-kontenut ta` l-istess dokumenti u l-verzjoni fil-meritu tas-socjeta` attrici gie anke konfermata bil-gurament minn Mario Grech bhala manager u minn Marco Schembri bhala mpjegat mas-socjeta` attrici, dan ta` l-ahhar kien l-individwu li jimla` l-magna tas-sigaretti.

It-Tribunal ghalhekk qieghed jaqta` u jiddeciedi dan il-kaz billi jichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti kwindi jilqa` t-talbiet attrici u filwaqt li jiddikjara li l-konvenuti huma lkoll responsabbli in solidum ghat-telf soffert mis-socjeta` attrici, jikkundanna lill-istess konvenuti solidalment bejniethom sabiex ihallsuha s-somma rikjesta ta` Euro3,494 gia` Lm1,500, bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta` din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta` din l-istanza a karigu ta` l-istess konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------